MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 112/2013

**Ignazio Anastasi Limited**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' sebat elef, tliet mija tnejn u erbghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€ 7,342.63) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-intimat kif jidher mill-anness statements annessi u kollettivament immarkati DOK A.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficjali numru 1774/2012 ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2344/2012 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2014 il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk it-talba tas-socjeta; attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, tliet mija tnejn u erbghin Euro u tlieta u sittin centezmu (€ 7,342.63), bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1774/2012 ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2344/2012 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------